

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1101/2012

tas-26 ta' Novembru 2012

li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2454/93 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 247 tiegħu,

Billi:

- (1) Bid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1006/2011 tas-27 ta' Settembru 2011 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni⁽²⁾, kodiċijiet ta' NM ġodda japplikaw għall-gass u għaż-żjut karburanti li fihom il-bijodiżil. Dawn it-tibdiliet jistgħu jaffettwaw lill-industrija taż-żejt minerali għaliex ċerti operazzjonijiet ta' taħlit skont il-proċedura ta' magazzżinaġġ doganali u f'żoni ħielsa m'għadhomx aktar permessi aktar bħala "Forom ta' Immaniġġjar tas-Soltu" għaliex jirriżultaw f'kodiċi NM differenti bi tmien ċifri.
- (2) Għandha tinstab soluzzjoni sabiex ikun permess it-taħlit ta' gass jew żjut karburanti li ma jkunx fihom bijodiżil ma' gass jew żjut karburanti li jkun fihom il-bijodiżil, ikklassifikati fil-Kapitlu 27 tan-NM, skont il-proċedura tal-magazzżinaġġ doganali u f'żoni ħielsa, sabiex fl-1 ta' Jannar 2012 id-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) Nru 1006/2011 ikompli bħal qabel.
- (3) It-taħlit tal-gass jew taż-żjut karburanti mal-bijodiżil għandu jkun permess, sabiex ma tkunx meħtieġa

l-ħażna separata taż-żewġ tipi ta' prodotti. Madankollu, meta tiġi meqjusa n-Nota Addizzjonali 2 tal-Kapitolu 27 tan-Nomenklatura Magħquda, it-taħlita magħmula għandu jkun fiha inqas minn 0,5 %, bħala volum ta' bijodiżil jew gass jew żjut karburanti rispettivament.

- (4) L-Anness 72 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93⁽³⁾ għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.
- (5) L-emenda għandha tidħol fis-seħħ b'effett retroattiv sabiex tippermetti li jiġu regolarizzati l-obbligi doganali li kienu saru sa mill-1 ta' Jannar 2012 minħabba l-introduzzjoni tal-kodiċijiet ta' NM ġodda.
- (6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness 72 għar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 huwa emendat kif stabbilit fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2012.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Novembru 2012.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

⁽¹⁾ ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 282, 28.10.2011, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.

ANNEX

Fit-tieni paragrafu tal-Anness 72, wara l-punt 14, jiddaħħlu dawn il-punti, 14a u 14b:

- “14a. it-taħlit ta' gass jew ta' żjut karburanti li ma jkunx fihom bijodiżil ma' gass jew żjut karburanti li jkun fihom bijodiżil, ikklassifikati f'Kapitlu 27 tan-NM, sabiex tinkiseb kwalità kostanti jew il-kwalità li tkun mitluba mill-klijent, mingħajr ma tinbidel in-natura tal-prodott anke jekk dan jirriżulta f'kodiċi NM differenti bi tmien ċifri;
- 14b. it-taħlit ta' gass jew ta' żjut karburanti ma' bijodiżil sabiex it-taħlita magħmula jkun fiha inqas minn 0,5 %, bħala volum, ta' bijodiżil, u t-taħlit ta' bijodiżil ma' gass jew żjut karburanti sabiex it-taħlita magħmula jkun fiha inqas minn 0,5 %, bħala volum, ta' gass jew żjut karburanti.”
-